MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2008

Numru. 35/2008

Il- Pulzija
(Spettur Mario Tonna)
(Spettur Nezren Grixti)

-vs-

Paul Abdilla

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l- imsemmi Paul Abdilla ta' 28 sena mwieled San Giljan nhar l- 14 ta' Dicembru, 1979 iben Paul u Rita nee` Cini residenti gewwa Blokk1, Flat 6, Triq San Duminku, l- Belt Valletta jew 32, Lighton Street, Dundee, Scotland, detentur tal- karta tal- Identita Nru. 481080M

Akkuzat talli fl- istadium Nazzjonali ta' Ta' Qali, nhar id- 9 ta' Jannar 2008, fil- hinjiet ta' bejn it- 8.00pm u t- 8.30pm waqt il- loghba tal- football bejn Juventurs u Valletta, xewwex ghemgha ta' nies, illi hekk imxewwxa ingabru f' numru ta' ghaxra jew aktar, sabiex jghamlu reat liema reat filfatt sar, u dan ai termini tal- artikoli 68(1)(3) tal- Kap9 tal- Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi ha parti attiva f' gemgha ta' ghaxra min- nies jew aktar, migburin bil- hsieb li jghamlu reat, ukoll jekk dik il- gemgha ta' nies ma kienet giet imxewwxa minn hadd partikolari u dan bi ksur ta' l- artikolu 68(2) tal- kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi pubblikament, xewwex lil persuni ohra sabiex jiksru l- ligi u dan bi ksur ta' l- artikolu 70 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi publikament xewwex persuni ohra sabiex jaghmlu reat u dan ai terminu ta' l- artikolu 69 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, jew hedded jew ghamel offizi fuq il- persuni ta' membri tal- Korp tal- pulizija u cioe' tas- surgent 258, Bernie Valletta inkarigata skond il- ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet taghmel u jew minhabba li kienet ghamlet dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezzaghha jew jinfluwixxi fuqha kontra l- ligi fl- esekuzzjoni ta' dak is- servizz, u dan ai terminu tal- artikoli 92 u 95 tal- kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl- istess data, lok hin u cirkostanzi ma obdiex l- ordnijiet legittimi ta' l- awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u cioe` tas- surgent 258 B. Valletta jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt li kienu jaghmlu d- dmirijiet taghhom, jew b' xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor u cioe` l- istess membri tal- Korp tal- Pulizija, jgahmlu dak li b' ligi kienu ordnati jew setghu jghamlu, jew billi gabu fix- xejn jew hassru dak li haddierhor ikun ghamel skond il- ligi, jew

b’ xi mod iehor li jkun u dan ai termini ta’ l- atikolu 338(ee) tal- kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi qal fil- pubbliku kliem oxxen jew indecenti li jikkonsisti f’ dagha jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b’ xi mod iehor offenda il- morali, l- imgieba xierqa jew id- decenza pubblika u dan ai termini ta’ l- atikoli 338(bb) u 342 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl- istess, data, lok, hin u cirkostanzi uza kliem offenziv lejn diversi membri tal- korp tal- pulizija imsemmija aktar il- fuq, jew gab ruhu abbuzivament, u dan ai termini ta’ l- artikolu 7 tal- legislazzjoni sussidjarja 10.33 tal- Kapitolu 10 tal- ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkosatanzi minghajr licenzja tal- Pulizija, ta’ n- nar jew spara maskli, bombi, suffarelli, jew xoghlijiet ta’ n- nar ta’ kull xorta li jkun, inkella tella blalen bin- nar jew, in generali, ghamel esplozzjoni jew nar li jista’ jkun ta’ periklu u dan ai terminu tal- artikoli 24, 29 u 33 tal- Kapitolu 33 tal- Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded persuna ohra b’ gebel jew xi oggett iehor jew tefa` xi gebla jew oggett iehor u cioe’ xoghol tan- nar fuq il- post fejn ikun qed isir il- loghob jew fuq xi parti ohra tal- ground ta’ l- isports, jew li, filwaqt li kien diehel fi ground ta’ l- isports, filwaqt li kien qieghed hemmhekk jew kien hiereg minn hemm kellu fuqu xi arma jew xort’ ohra gab ruhu b’ mod li jista’ jinkiser il- bon ordni.

Il- Qorti giet gentilment mitluba li f’ kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l- piena stabbilita skond il- ligi joghgoba tapplika l- artikolu 9 tal- legislazzjoni sussidjaraja 10.33 tal- Kap 10 tal- Ligijiet ta’ Malta billi tordna illi l- imesmmi imputat ma jattendix fi ‘gorunds ta’ sports’ ghall- dak il- perjofu ta’ zmien li din l- Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Rat id-dokumenti prezentati.

Rat l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni u tghati zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 68(1)(2)(3), 69, 70, 92, 95, 338(bb), 338(ee), u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 24, 29, u 33 tal-Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolamenti 6 u 7 ta'l-Avviz Legali 88/1978.

Rat il-fedina penali ta' l-imputat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu gew ammessi mill-imputat; dawn ghalhekk huma sodisfacjament pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ikkunsidrat l-ammisjoni bikrija ta' l-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija f'dawn il-proceduri, l-fedina penali ta' l-imputat li hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 68(1)(2)(3), 69, 70, 92, 95, 338(bb), 338(ee), u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 24, 29, u 33 tal-Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolamenti 6 u 7 ta'l-Avviz Legali 88/1978 issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' elf u mitejn Euro (Euro 1,200) u tiprojbixxi lill-imputat milli jattendi f'kwalunkwe ground ta' l-isports ghal perjodu ta' tlett xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------